# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 3 ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 173/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Grech talli (**1**) f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Mejju, 1997 u fix-xahar qabel din id-data, kellu fil-possess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu; u aktar (**2**) talli sar recidiv b'sentenzi tat-12 ta' Frar, 1996 u 17 ta' Jannar, 1997;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Settembru, 2001, li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Stephen Grech mit-tieni imputazzjoni (l-akkuza ta' recidiva), izda sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu disa' xhur prigunerija u multa ta' tlett mitt lira (Lm300);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Stephen Grech, minnu ppresentat fl-1 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru, 2001; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa, bazikament, wiehed u cioe` li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta waslet ghall-konkluzzjoni li d-droga li instabet fuqu ma kienitx ghall-uzu eskluzziv tieghu. Alternattivament, huwa jilmenta wkoll dwar il-piena, li jikkontendi li fic-cirkostanzi kienet eccessiva. Id-diversi argumenti li huwa jgib in sostenn ta' l-aggravju principali tieghu jistghu jigu

sintetizzati hekk: (a) in-numru ta' pakketti li nsabu fuqu (tlettax-il pakkett) li fihom b'kollox kien hemm hames grammi erojina, kienu kollha ghall-uzu personali tieghu peress li huwa kien "a heavy addict" -- kif anke rrizulta minn xhieda ohra -- u ghalhekk l-ammont kien konfacjenti ma' dak li kellu bzonn immedjatament biex isostni l-vizzju tieghu, (b) il-fatt li hu u shabu instabu fi sqaq kienet cirkostanza accidentali -- huma tilfu t-triq waqt li kienu sejrin ghand wiehed minnhom biex hu (l-appellant) isewwilu l-karozza, (c) hu ma setax jipproduci liz-zewgt ihbieb tieghu li maghhom kien fil-vettura biex jikkonfermaw dan peress li minn mindu sehh il-kaz sa ma l-kawza waslet fl-istadju tad-difiza hu kien tilef kuntatt maghhom, u (d) li l-ewwel qorti tat importanza wisq lill-fatt li hu dak iz-zmien kien dizokkupat. Inoltre l-appellant jikkontendi li, kif jirrizulta mill-provi, huwa llum hareg mill-vizzju tad-droga u ghandu impieg fiss.

Din il-qorti ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza, bil-provi li fiha, izda ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti. A bazi tal-provi li kellha quddiemha, l-ewwel qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, u cioe` li d-droga ma kienitx ghall-uzu esklussiv tal-appellant. Din il-Qorti tistaqsi *inter alia*: ghalfejn kellu l-appellant (li dak iz-zmien kien joqghod Tas-Sliema) u shabu jispiccaw Hal-Qormi sabiex isiru xi tiswijiet fil-karozza li kienu fiha? Il-fatt li l-appellant kien dizokkupat kienet cirkostanza li, kuntrarjament ghal dak li jikkontendi l-istess appellant, kellha l-importanza taghha. L-appellant kien ammetta li d-droga li instabet fuqu kien xtraha l-gurnata ta' qabel ghall-prezz ta' Lm135. In kontro-ezami (fol. 48) huwa jistqarr li dana l-ammont ta' droga huwa kien jixtrieh "Jekk mhux kuljum, darba iva u darba le". Ghal persuna dizokkupata, din kienet nefqa konsiderevli li ma tistax tigi spjegata jekk mhux bil-fatt li l-appellant kien awto-jiffinanzja l-vizzju li kellu billi wkoll jispacca. Kwantu ghall-argument li hu kien tilef kuntatt ma' shabu, din il-Qorti tosserva li hu lil dawn shabu jidher li kien jafhom sew, cioe` b'isimhom u kunjomhom; u anke jekk kien ilu ma jiltaqa' maghhom, kullma kellu – hu jew l-avukat tieghu – jaghmel kien li jitlob lill-ufficjal prosekutur sabiex iharrek li dawn shabu (il-pulizija kellhom l-indirizzi taghhom peress li, kif xehed l-Ispettur Aquilina, fol. 23, anke iz-zewg zghazagh li kienu fil-vettura ma' l-appellant kienu ttiehdu d-*depot* u gew interrogati). L-appellant ma jidher li ghamel lanqas l-icken sforz biex dawn iz-zewg zghazagh jigu prodotti bhala xhieda biex jikkorroboraw il-versjoni tieghu tal-fatti.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala din ghandha tigi disturbata.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep.Registratur